

**Brussell, 23 ta' Marzu 2022
(OR. en)**

7514/22

FIN 356

NOTA TA' TRAŻMISSJONI

minn:	Is-Sur Johannes HAHN, Membru tal-Kummissjoni Ewropea
data meta waslet:	23 ta' Marzu 2022
lil:	Is-Sur Bruno LE MAIRE, President tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea
Suġġett:	Proposta għat-trasferiment tal-appropriazzjonijiet Nru DEC 07/2022 fit-Taqsimha III - Kummissjoni - tal-baġit ġenerali għall-2022

Id-delegazzjonijiet għandhom isibu meħmuż id-dokument DEC 07/2022.

Mehmuż: DEC 07/2022



IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

BRUSSELL, 23/03/2022

BAĠIT ĠENERALI - 2022
TAQSIMA III - TITOLU TAL-KUMMISSJONI: 08

TRASFERIMENT TA' APPROPRIJAZZJONIJIET Nru **DEC 07/2022**

MINN

KAPITOLU - 0802 Fond Agrikolu Ewropew ta' Garanzija (FAEG)

PARTITA - 08 02 05 11 Riżerva għall-kriżijiet fis-settur agrikolu	Mhux Diff	-350 000 000,00
---	-----------	-----------------

GĦAL

KAPITOLU - 0802 Fond Agrikolu Ewropew ta' Garanzija (FAEG)

PARTITA - 08 02 03 11 Miżuri eċċezzjonali	Mhux Diff	350 000 000,00
---	-----------	----------------

I. TNAQQIS

I.1

a) Intestatura

08 02 05 11 - Riżerva għall-kriżijiet fis-settur agrikolu

b) Ċifri fil-15/03/2022

	Mhux Diff
1 Approprijazzjonijiet fil-baġit (Baġit Inizjali + BE)	497 300 000,00
2 Trasferimenti	0,00
3 Total tal-approprijazzjonijiet għas-sena (1+2)	497 300 000,00
4 Approprijazzjonijiet diġà użati	0,00
5 Approprijazzjonijiet disponibbli (3-4)	497 300 000,00
6 Tnaqqis propost	350 000 000,00
7 Total tal-approprijazzjonijiet sa tmiem is-sena (5-6)	147 300 000,00
8 Tnaqqis bħala perċentwal tal-approprijazzjonijiet fil-baġit (6/1)	70,38 %
9 Tnaqqis, bħala perċentwal tal-approprijazzjonijiet finali għas-sena, fit-total tat-trasferimenti msemmija fl-Artikolu 30(1)(b) tar-Regolament Finanzjarju	mhux applikabbli

c) Dħul minn irkupru (riportat mis-sena preċedenti)

	Mhux Diff
1 Approprijazzjonijiet disponibbli fil-bidu tas-sena	0,00
2 Approprijazzjonijiet disponibbli fil-15/03/2022	0,00
3 Rata ta' implimentazzjoni [(1-2)/1]	mhux applikabbli

d) Raġunijiet dettaljati għat-tnaqqis

L-Artikolu 25 tar-Regolament (UE) Nru 1306/2013 jipprevedi riżerva għall-kriżijiet fis-settur agrikolu, maħsuba biex tippovdi appoġġ addizzjonali għas-settur agrikolu f'każ ta' kriżijiet kbar li jaffettwaw il-produzzjoni jew id-distribuzzjoni agrikola. EUR 497,3 miljun huma disponibbli għal dan il-għan fil-baġit tal-2022.

Fid-dawl tad-disturb fis-suq ikkawżat mill-kriżi fl-Ukrajna u wara li ġie kkunsidrat l-ambitu għar-riallokazzjoni tal-approprijazzjonijiet, qed jiġi propost li tintalab ir-riżerva biex tiffinanzja parti mill-pakkett ta' miżuri eċċezzjonali biex jiġu appoġġati l-bdiewa l-aktar milquta għal ammont ta' EUR 350 miljun f'approprijazzjonijiet ta' impenn u ta' pagament, f'konformità mal-punt 22 tal-Ftehim Interistituzzjonali 2013/C 373/01 tat-2 ta' Diċembru 2013.

II. ŻIEDA

II.1

a) Intestatura

08 02 03 11 - Miżuri eċċezzjonali

b) Ċifri fil-15/03/2022

	Mhux Diff
1 Approprjazzjonijiet fil-baġit (Baġit Inizjali + BE)	0,00
2 Trasferimenti	0,00
3 Total tal-approprjazzjonijiet għas-sena (1+2)	0,00
4 Approprjazzjonijiet diġà użati	0,00
5 Approprjazzjonijiet disponibbli (3-4)	0,00
6 Żieda mitluba	350 000 000,00
7 Total tal-approprjazzjonijiet sa tmiem is-sena (5+6)	350 000 000,00
8 Żieda bħala perċentwal tal-approprjazzjonijiet fil-baġit (6/1)	mhux applikabbli
9 Żieda, bħala perċentwal tal-approprjazzjonijiet finali għas-sena, fit-total tat-trasferimenti msemmija fl-Artikolu 30(1)(b) tar-Regolament Finanzjarju	mhux applikabbli

c) Dħul minn irkupru (riportat mis-sena preċedenti)

	Mhux Diff
1 Approprjazzjonijiet disponibbli fil-bidu tas-sena	0,00
2 Approprjazzjonijiet disponibbli fil-15/03/2022	0,00
3 Rata ta' implimentazzjoni [(1-2)/1]	mhux applikabbli

d) Raġunijiet dettaljati għaż-żieda

Il-kriżi fl-Ukrajna x'aktarx li twassal għal żieda qawwija fil-prezzijiet tal-għalf li żżid mal-prezzijiet li diġà qed jogħlew għall-enerġija u l-fertilizzanti. Tħassib ieħor huwa l-impossibbiltà li l-prodotti tal-UE jkomplu jiċċirkolaw lejn l-Ukrajna u potenzjalment anke lejn ir-Russja u l-Belarusija. Dan flimkien joħloq theddida akuta ta' tfixkil fis-suq li jipperikola s-sigurtà tal-ikel fl-Unjoni.

Għalhekk, abbażi tal-Artikolu 219 tar-Regolament (UE) Nru 1308/2013, il-Kummissjoni tipproponi pakkett ta' miżuri eċċezzjonali li jammontaw għal EUR 500 miljun bħala appoġġ għall-bdiewa l-aktar milquta. Dan it-trasferiment jipproponi li jintużaw EUR 350 miljun f'approprjazzjonijiet ta' impenn u ta' pagament mir-riżerva għall-kriżijiet fis-settur agrikolu. L-EUR 150 miljun li jifdal se jkunu koperti minn riallokazzjonijiet permezz ta' trasferimenti awtonomi tal-Kummissjoni.